

Brussell, 9 ta' Ġunju 2016
(OR. en)

10005/16

FREMP 108
JAI 551
COHOM 67
DROIPEN 108

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	9 ta' Ġunju 2016
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8946/16, 9455/16	
Suġġett:	Applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-2015 = Konklużjonijiet tal-Kunsill (9 Ġunju 2016)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fl-2015, adottati mill-Kunsill fit-3473 laqgħa li saret fid-9 ta' Ġunju 2016.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
DWAR L-APPLIKAZZJONI
TAL-KARTA TAD-DRITTIIJET FUNDAMENTALI FL-2015**

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Kunsill jieħu nota tar-rapport tal-Kummissjoni tal-2015 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Druttijiet Fundamentali tal-UE (minn hawn ‘il quddiem imsejħa l-Karta) kif ukoll ir-Rapport dwar id-Druttijiet Fundamentali tal-2016 tal-Aġenzija tal-UE għad-Druttijiet Fundamentali (minn hawn ‘il quddiem imsejħa l-Aġenzija).

II. L-IŻGURAR TAL-KONFORMITÀ MAL-KARTA FIL-LIVELLI KOLLHA

Il-konformità mal-karta u s-sensibilizzazzjoni dwarha kemm fil-livell tal-UE u nazzjonali

2. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tas-sensibilizzazzjoni, it-taħriġ u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattika fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Karta fil-livell nazzjonali u dak tal-UE, filwaqt li jirrikonoxxi li din tikkomplementa s-sistemi nazzjonali ta’ protezzjoni tad-druttijiet fundamentali u ma tissostitwixxihomx. Il-Kunsill jenfasizza f’dak il-kuntest l-eżitu tas-seminar tal-esperti dwar l-applikazzjoni tal-Karta fil-politika nazzjonali, organizzat mill-Presidenza Netherlandiża fid-19 ta’ Frar 2016 f’Amsterdam li ħalla lill-parteciċipanti jaqsmu ideat dwar l-isfidi għall-applikazzjoni tal-Karta u jikkondividu prattiċi promettenti f’dan ir-rigward.
3. Sabiex jiġi żgurat is-segwitu, il-Kunsill kull sena jistieden lill-Grupp ta’ Ħidma dwar id-Druttijiet Fundamentali, id-Druttijiet taċ-Ċittadini u l-Moviment Liberu tal-Persuni (aktar ‘il quddiem imsejjaħ FREMP) biex ikompli l-iskambju ta’ informazzjoni dwar l-għodod, l-aħjar prattiki u metodi ta’ sensibilizzazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali.

Applikazzjoni tal-Karta u sensibilizzazzjoni dwarha fil-livell tal-UE

4. Il-Kunsill jilqa' l-Ftehim Interistituzzjonali dwar tfassil aħjar tal-liġijiet¹ li fil-kuntest tal-valutazzjonijiet tal-impatt jenfasizza l-importanza li jiġu rrispettati b'mod sħiħ id-drittijiet fundamentali u jitlob lill-Kummissjoni biex tispjega fil-memoranda ta' spjegazzjoni li jakkumpanjaw il-proposti tagħha kif il-miżuri proposti huma kompatibbli mad-drittijiet fundamentali.
5. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu biex jikkunsidra b'attenzjoni kwalunkwe interferenza possibbli tal-istrumenti leġislattivi mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u biex jinkoraġġixxi l-applikazzjoni konsistenti tal-Karta fl-attività leġislattiva kollha u jfakkar fil-linji gwida tiegħu dwar il-passi metodoloġiċi li għandhom jittieħdu biex tiġi vverifikata l-kompatibbiltà tad-drittijiet fundamentali fil-korpi preparatorji tal-Kunsill.²

Il-fehim dwar il-Karta, l-applikazzjoni tagħha u s-sensibilizzazzjoni dwarha fil-livell nazzjonali

6. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-applikazzjoni tal-Karta bħala parti minn sett usa' ta' sorsi tad-drittijiet fundamentali applikabbli fil-kuntest nazzjonali. Filwaqt li l-Kunsill jirrikonoxxi li l-Karta tapplika biss għall-Istati Membri meta huma jkunu qed jaġixxu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE,³ huwa jenfasizza l-ħtieġa li tiġi stabbilita l-applikabbiltà tal-Karta f'ċirkustanzi individwali u jissottolinja l-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari mill-awtoritajiet nazzjonali għal daww id-dispożizzjonijiet tal-Karta li t-tifsira u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom ma jiġux determinati minn dispożizzjonijiet korrispondenti tal-KEDB bl-għan li l-Karta tiġi applikata b'mod effettiv.⁴

¹ 15506/15, ara l-paragrafi 12 u 25.

² 5377/15.

³ L-Artikolu 51(1) tal-Karta.

Ara wkoll il-Protokoll 30 dwar l-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għall-Polonja u għar-Renju Unit.

Ara wkoll il-Protokoll 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja.

⁴ F'konformità mal-ispejgazzjonijiet marbutin mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, 2007/C 303/02.

7. B'kont meħud tar-responsabbiltajiet rispettivi tal-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri fl-applikazzjoni tal-Karta, il-Kunsill jilqa' l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE bil-ħsieb li jżiedu t-tagħlim reċiproku u l-fehim komuni tal-ambitu tal-obbligi tal-Istati Membri f'dan ir-rigward. Il-Kunsill jirrikonoxxi wkoll ir-rilevanza tal-iżvilupp tat-taħriġ u l-għodod, bħal lista ta' kontroll għal gwida nazzjonali dwar l-applikazzjoni tal-Karta jew taħriġ immirat biex tiġi ddeterminata l-applikabbiltà tal-Karta fi proċeduri leġislattivi u ta' politika nazzjonali fi ħdan qafas usa' ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.
8. Il-Kunsill ikompli jhegġegħ lill-Istati Membri biex jiskambjaw u jindikaw l-aħjar prattiki u l-għodod komuni għas-sensibilizzazzjoni u l-prattiki ta' protezzjoni tal-Karta, pereżempju billi jingħata t-taħriġ lill-impjegati taċ-ċivil biex jissaħħaħ l-għarfien espert fil-livell nazzjonali, inkluż permezz tal-assistenza tal-Kummissjoni u l-Aġenzija. F'dak ir-rigward il-Kunsill jirrikonoxxi l-importanza tal-iskemi ta' finanzjament abbinati mat-taħriġ tal-Karta mmexxi mill-Kummissjoni, u l-ħidma tagħha biex tagħmel l-għodod eżistenti u prattiki oħra aktar viżibbli u aċċessibbli permezz ta' punt ta' aċċess ċentrali online. Il-Kunsill ihegġegħ ukoll lill-Aġenzija biex iżżomm u tkompli tiżviluppa għodod prattiċi bħal Charterpedia, biex tiżviluppa taħriġ rilevanti għall-professjonisti legali u l-moduli u l-workshops għall-ħarrieġa, u biex tkompli l-prattika tagħha li tinkludi kapitoli speċifiku dwar l-applikazzjoni tal-Karta fir-Rapport tagħha dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-2016.
9. Il-Kunsill jitlob lill-Aġenzija biex tħejji abbozz ta' manwal li jindika prattiki promettenti dwar l-applikazzjoni domestika tal-Karta għall-professjonisti u dawk li mhumex speċjalisti f'konformità mal-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament 168/2007, li jieħu kont ta' sorsi oħra applikabbli tad-drittijiet fundamentali.

III. KWISTJONIJIET OĦRAJN

Nondiskriminazzjoni, razziżmu u ksenofobija

10. Il-Kunsill huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda tad-diskors u atti razzisti u ksenofobiċi madwar l-Unjoni Ewropea.
11. Il-Kunsill ifakkar li l-promozzjoni tat-tolleranza inklużiva, l-integrazzjoni u l-valuri kondiviżi flimkien mas-sensibilizzazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' kulħadd, huma garanziji importanti kontra ż-żieda fir-razziżmu, il-ksenofobija u l-forom kollha ta' intolleranza fis-soċjetajiet differenti tagħna.
12. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra reati ta' mibegħda fl-Unjoni Ewropea fejn talab lill-aġenziji tal-UE, b'mod partikolari l-Aġenzija, sabiex jiffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar prattiki u jgħinu lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw metodi effettivi sabiex jinkoraġġixxu r-rappurtar u jiżguraw ir-reġistrazzjoni korretta tar-reati ta' mibegħda.⁵
13. Il-Kunsill ifakkar fid-diskussjonijiet f'Ottubru u Diċembru 2015 kif ukoll f'Mejju 2016,⁶ li jiddeskrivu l-azzjonijiet u r-rapporti dwar żviluppi ulterjuri fil-qasam tal-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda, ir-reati ta' mibegħda u l-ksenofobija.
14. Il-Kunsill jilqa' l-ewwel kollokju tal-Kummissjoni dwar id-drittijiet fundamentali li ffoka fuq il-ġlieda kontra l-Antisemitiżmu u l-mibegħda kontra l-Musulmani u jissottolinja l-importanza ta' implimentazzjoni konġunta tal-konklużjonijiet tal-kollokju.
15. Il-Kunsill jilqa' l-ħidma mwettqa mill-Grupp ta' Ħidma tal-Aġenzija fuq it-titjib tar-rappurtar u r-reġistrazzjoni ta' reati ta' mibegħda fl-UE, b'mod partikolari fil-ġbir ta' prattiki promettenti tal-Istati Membri biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' rappurtar u biex tittejjeb ir-reġistrazzjoni tar-reati ta' mibegħda, u r-riċerka mwettqa mill-Aġenzija bħall-aħħar pubblikazzjoni 'Ensuring justice for hate crime victims: professional perspectives' (L-iżgurar ta' ġustizzja għall-vittmi ta' reati ta' mibegħda: perspettivi professjonali).

⁵ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/jha/139949.pdf

⁶ 14937/15 u 8839/16.

16. Il-Kunsill jilqa' l-ġabra tal-aħjar prattiki għar-rappurtar u r-reġistrazzjoni dwar ir-reati ta' mibegħda ċċirkolati fir-raba' laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Titjib fir-Rapportar u r-Reġistrazzjoni ta' reati ta' mibegħda fl-UE fit-28 u d-29 ta' April 2016 li ġiet organizzata mill-Presidenza Netherlandiża u jitlob lill-Istati Membri biex jużaw l-għarfien u l-esperjenza ta' dawn l-aħjar prattiki fit-titjib tal-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-kwistjoni tan-nuqqas ta' rappurtar u fit-titjib tar-reġistrazzjoni tar-reati ta' mibegħda.
17. Il-Kunsill jistieden lill-Istati Membri jkomplu bl-isforzi tagħhom biex jiġġieldu kontra r-reati ta' mibegħda, inkluż billi jiġu żgurati t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni effettivi tad-Deċiżjoni Qafas 2008/913/ĠAI u liġijiet rilevanti oħra dwar ir-reati ta' mibegħda fil-livell nazzjonali, u biex jiżviluppaw metodi effettivi sabiex jinkoraġġixxu r-rappurtar u jiżguraw reġistrazzjoni korretta tar-reati ta' mibegħda.
18. Il-Kunsill jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex jinholq Grupp ta' Livell Għoli dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza bil-ħsieb li jkun hemm aktar impetu politiku għall-Unjoni u l-Istati Membri biex jegħlbu l-mibegħda u l-intolleranza u jiġbru flimkien l-għarfien espert tal-Kummissjoni ma' dak tal-Aġenzija u l-organizzazzjonijiet u l-korpi internazzjonali rilevanti.
19. Il-Kunsill jilqa' b'mod partikolari l-idea li l-Grupp ta' Livell Għoli l-ġdid jinkludi kwistjonijiet orizzontali komuni għall-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda; filwaqt li jfittex li jiżviluppa prattiki u għodod konkreti u li jibni l-kapaċità biex jittejbu r-reazzjonijiet għar-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza fl-Istati Membri. Dan ser jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi biex jinkixfu aħjar ir-raġunijiet li qed iwasslu għall-preġudizzju; jiġu żgurati investigazzjoni u prosekuzzjoni effettivi, jiġu żgurati sentenzi xierqa, tingħata protezzjoni lill-vittmi u tissaħħaħ il-fiduċja tagħhom fl-awtoritajiet, waqt li l-forzi tal-pulizija tal-Istati Membri jastjenu milli joħolqu profili fuq fatturi razzjali, etniċi u forom oħra ta' preġudizzju.

20. Il-Kunsill jilqa' l-impenn mill-Aġenzija biex tibni fuq il-ħidma li saret mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Titjib tar-Rappurtar u r-Reġistrazzjoni ta' Reati ta' Mibegħda fl-UE kif jinsab fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra reati ta' mibegħda fl-Unjoni Ewropea permezz ta' koordinazzjoni, fil-kuntest tal-Grupp ta' Livell Għoli l-ġdid, sottogrupp orjentat lejn ir-riżultati li jaħdem għall-iżvilupp ta' metodoloġija komuni għall-ġbir tad-data u r-reġistrazzjoni ta' reati ta' mibegħda, peress li l-progress f'dan il-qasam ser jagħti kontribut importanti għall-azzjoni politika tal-Istati Membri u tal-Unjoni dwar il-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda.
21. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tipprevjeni u tiġġieled kontra d-diskors ta' mibegħda online. F'dan il-kuntest tal-aħħar huwa jilqa' d-djalogu ma' kumpaniji tal-IT, li fil-marġni tiegħu ġie abbozzat Kodiċi ta' Kondotta li jinkludi impenji volontarji biex jiġi miġġieled id-diskors ta' mibegħda online.

Koerenza bejn it-tfassil tal-politiki interni u esterni

22. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tal-koerenza bejn l-aspetti interni u esterni tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali.
23. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għaċ-ċarezza u l-fehim komuni ta' xi tfisser nuqqas ta' koerenza fil-kuntest tal-azzjoni interna u esterna tal-UE u sa fejn dan jaffettwa l-politika interna u esterna tal-UE tad-drittijiet fundamentali.
24. Il-Kunsill jappoġġa l-inklużjoni ta' referenza għal koerenza interna u esterna fir-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Karta u fir-rapport ta' progress fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija (2015–2019) u jistieden lill-FREMP u l-COHOM biex ikomplu jiddiskutu r-rabtiet bejn iċ-ċikli ta' politika rispettivi. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi biex jissaħħaħ l-involvement tal-FREMP fl-iżvilupp tad-dokumenti tal-Linji gwida li għandhom jittieħdu (LTT) li jiddeskrivu s-sitwazzjoni interna tad-drittijiet tal-bniedem tal-UE biex tiġi żgurata l-fattibbiltà tagħhom bħala għodod biex jintużaw fid-djalogi politiċi u tad-drittijiet tal-bniedem u f'fora oħrajn.

25. Il-Kunsill huwa impenjat li jkompli skambji regolari, kif sar l-aħħar darba fit-8 ta' Marzu 2016, fuq il-koerenza u l-konsistenza tal-politiki interni u esterni tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem bejn il-FREMP u l-COHOM, fl-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom u dwar kwistjonijiet tematiċi speċifiċi, bħalma huma l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà.

Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali

26. Il-Kunsill ifakkar fir-rwol tal-Aġenzija fir-riċerka u l-ġbir tad-data fil-livell tal-UE u l-kontribut tagħha sabiex jiġu żgurati l-ħidma u l-politika leġislattivi bbażati fuq l-evidenza mill-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri. Il-Kunsill ifakkar fil-possibbiltà għall-Kunsill li jitlob l-opinjoni tal-Aġenzija dwar suġġetti tematiċi speċifiċi li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha jew dwar il-pożizzjonijiet meħuda mill-Kunsill matul proċeduri leġislattivi.
